**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta tal-Gimgha, 8 ta' Novembru, 2019**

**Appell numru: 266/2018**
**Wara sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar**
**datata 8 ta' April, 2019**

**Erremme Business Advisors Limited (C30153)**

**vs.**

**Joseph Gaffarena (ID 251451M)**

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell minn decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar datata 8 ta' April, 2019 fejn gie deciz kif isegwi:

*'Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat, jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez jigu sopportati nterament mill-istess socjeta' attrici.'*

2. Illi d-decizjoni appellata nghatat wara li s-socjeta' appellanti rikorrenti Erremme Business Advisors Limited prezentat avviz kontra l-intimat Joseph Gaffarena fejn issottomettiet illi l-intimat ghandu jhallasha s-somma ta' erbat elef, mija u disgha u ghoxrin Euro u zewg centezmi (€4129.02) wara li kienet intavolata kawza ohra fl-ismijiet 'Erremme Business Advisors Limited vs Geras Limited' (579/2016PM) deciza nhar it-23 ta' Frar, 2017 liema kawza fil-mori taghha l-intimat Joseph Gaffarena bhala direttur tal-kumpanija Geras Care Limited poggiha fi stat ta' likwidazzjoni. Is-socjeta' rikorrenti appellanti tkompli illi ghalkemm fid-dikjarazzjoni ta' solvenza l-intimat kien iddikjara li l-kumpanija ser thallas id-dejn kollu taghha fi zmien tnax-il xahar mill-31 ta' Dicembru, 2016 sad-data tal-intavolar tal-avviz koncernat f'dan l-appell (cioe' 19 ta' Gunju, 2018) dan kienet ghadha ma ghamlitux. Tispjega wkoll li s-somma rikjesta tirraprezenta tlett elef u hames mitt Euro (€3,500) f'sorte, tliet mija u tmienja u sebghin Euro u sebgha u sebghin centemzu (€378.77) interessi, tlieta u sittin Euro u tnejn u sebghin centezmu (€63.72) spejjez legali u mija u sitta u tmenin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€186.53) konsistenti fi drittijiet professjonali.

3. Fir-risposta tieghu quddiem it-Tribunal l-intimat appellat laqa' ghat-

talba attrici kif isegwi:

'L-ammont pretiz mhux dovut billi id-Declaration of Solvency iffirmata minnu hija datata l-31 ta' Dicembru 2016 waqt li l-ammont kreditrici gia kanonizzat fit-23 ta' Frar, 2017.

Ghaldaqstant l-ammont pretiz ma kienx jifforma parti mid-djun li s-socjeta' in likwidazzjoni kienet responsabbli ghalihom.'

Appuntu kienet din l-eccezzjoni li giet milqugha fid-decizjoni tat-Tribunal appellata.

4. Rat illi s-Socjeta' rikorrenti appellat mid-decizjoni u ressqet l-aggravju segwenti:

*' . . .illi ladarba t-Tribunal laqgha l-eccezzjoni tal-konvenut huwa kien qed jikkonferma dak kontenut fl-eccezzjoni sollevata mill-konvenut u cioe' illi jekk somma ma tkunx giet kanonizzata permezz ta' sentenza allura ma jkunx hemm htiega li tifforma parti mill-istatement of affairs tal-kumpanija li tigi pprezentata meta jkun hemm voluntary winding up u konsegwentement ma tkunx tifforma parti mid-djun rikonoxxuti bhala dovuti mill-kumpannija meta tkun qed tigi likwidata, u li jridu jithallsu fit-terminu pprevizat fid-declaration of solvency.'*

L-appellanti kompliet billi dahlet f'rendikont tal-fatti kif sehhew, ghamlet ukoll referenza ghal bosta gurisprudenza u

konsegwentement talbet li din il-Qorti tichad l-eccezzjoni tal-intimat u tghaddi sabiex tilqa' t-talba attrici.

5. Rat illi l-appellat wiegeb ghall-appell billi sostna li timmerita li tigi konfermata bl-ispejjez kontra l-appellanti. L-appellat jinsisti li la darba t-talba odjerna hija talba kontra d-direttur personalment, is-socjeta' rikorrenti appellanti kellha tressaq prova ta' xi tip ta' qerq da parti tieghu izda skont l-appellat din il-prova ma tressqitx. Anzi l-appellat jinsisti fuq l-eccezzjoni tieghu illi gialadarba l-kreditu pretiz ma kienx ghadu kanonizzat dak in-nhar li saret id-dikjarazzjoni ta' solvenza (fol. 6 tal-process tat-Tribunal) appuntu stante li l-kawza quddiem it-Tribunal kontra s-socjeta' kienet ghadha pendenti, il-kreditu pretiz ma setax jigi nkluz fl-istess dikjarazzjoni. B'referenza ghad-dokument datat 23 ta' April, 2015 (esebit a fol. 14 tal-process tat-Tribunal) liema dokument jikkonsisti fi skrittura privata datata 23 ta' April, 2015 fejn fiha jidher li qed jigi rikonoxxut ammont dovut lis-socjeta' appellanti fis-somma ta' sebat elef Euro (€7000), l-appellat jinsisti li nonostante dan id-dokument il-kreditu xorta wahda ma kellux jitnizzel fil-kotba tal-kumpanija stante li sa dak iz-zmien dan l-ammont kien qed jigi kontestat fit-Tribunal.

6. Semghet it-trattazzjoni tal-appell tal-partijiet fis-seduta tat-28 ta' Gunju, 2019 u ddifferiet l-appell ghad-decizjoni ghal-lum. Rat l-atti annessi tal-kawza bin-numru 579/16, il-provi u x-xhieda kollha. Rat l-atti kollha.

**Konsiderazzjonijiet**

7. Illi t-Tribunal wasal ghad-decizjoni tieghu wara li kkunsidra kif isegwi:

*'Illi l-mertu tal-kawza odjerna huwa kostitwit mill-effett li ghandu jinghata lid-dikjarazzjoni ta' solvenza moghtija minn direttur ta' socjeta` f'fazi ta' stralc, senjatament jekk tali dikjarazzjoni jistax ikollha l-effett li tirrendi lid-direttur responsabbli ghad-dejn tal-kumpannija f'kaz li jirrizulta li l-kumpannija ma tkunx tista' thallas id-dejn taghha kif hemmhekk indikat u sottoskritt mill-istess direttur.*

*Illi l-Qrati Taghna diga` kellhom l-opportunita' li jiddeterminaw liema huwa dawk ic- cirkostanzi li jistghu talvolta jirrendu direttur responsabbli ghas-socjeta' rapprezentata minnu u f'dan ir-rigward jinsab deciz li:*

*"Waqt it-trattazzjoni orali l-konvenut ulterjorment issottometta li s-socjetà attrici ma tistax izzommu personalment responsabbli ghad-djun tas-socjetà IT 2010 Limited già maghrufa bhala A to Z Limited permezz ta' azzjoni ghall-kanonizzazzjoni ta' kreditu stante li tali sitwazzjoni hija kontemplata biss fil-kuntest ta' proceduri ghal stralc ta' kumpannija u senjatament skond kif provdut fl-Artikoli 315 u 316 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji, Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*In sostenn ta' din is-sottomissjoni l-konvenut jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet "Valle Del Miele Limited v. Wallace Fino et pro et noe" Citaz. Nru. 1903/01 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Ottubru, 2007 u ghas-sentenza fl-ismijiet "G.Molton Company Limited v. Dr. Raymond Borg et" Avviz Nru.9/09 deciza minn din il-Qorti fil-21 ta' Marzu 2011. F'dawn is-sentenzi u senjatament fis-sentenza fl-ismijiet*

*"Valle Del Miele Limited v. Wallace Fino et pro et noe" gie osservat illi: is-*

*socjetà attrici qed titlob li d-diretturi tal-kumpanija Price Club Operators Ltd. jigu dikjarati personalment responsabbli ghal ghemilhom lejn is-socjetà attrici. Il-Ligi tal-kumpaniji però ma tipprovdix ghall-kaz ta' responsabbilità illimitata ta' l-azzjonisti jekk mhux fil-kaz ta' fraudulent jew wrongful trading. Fil-fatt dak li qed tallega s-socjetà attrici jista' jinkwadra ruhu taht fraudulent jew wrongful trading, u dana peress li qed tallega li d-diretturi tal-kumpanija ghamlu zmien joperaw meta kellhom kumulu ta' debiti li kienu jafu li ma setghux ihallsu.*

*Ghalkemm l-agir lamentat jista' jwassal ghal dikjarazzjoni ta' responsabilità personali tad-diretturi, tali responsabilità personali tista' tigi dikjarata biss waqt li l-kumpanija tkun fi process ta' stralc, u dana a tenur ta' l-artikolu 315 u 316 tal-imsemmi Kap.386. Il-ligi tal-kumpaniji, li hi ligi specjali li tirregola l-kumpaniji u l-ufficjali taghha, ma tipprovdix rimedji ohra kontra allegat abbuz tad-diretturi u meta istitut hu regolat b'ligi specjali mhux lecitu li ssir riferenza ghal xi principju generali tad-dritt. Hu minnu li, b'mod generali, min jabbuza bid-drittijiet moghtija lilu jista' jkun passibbli ghal danni, izda meta istitut hu regolat b'ligi specjali, hi biss dik il-ligi li ghandha tigi kkunsidrata ghall-fini ta' responsabilità tal-partijiet u tar-rimedji moghtija – "specialia generalibus derogant". F'dan il-kaz, il-ligi specjali rregolat kif u meta diretturi jistghu jinstabu responsabbli personalment ghad-djun tal-kumpanija taghhom, u hi biss fil-limiti ta' dak provdut f'dik il-ligi specjali li r- rimedji jridu jinstabu. Din il-Qorti già ittrattat dan il-punt fil-kawzi "Theuma v. Cachia" deciza fl-14 ta' Ottubru 2004, u "Hi-Timber Co. Ltd. v. Baldacchino et" deciza fil-15 ta' Dicembru 2005, u gie osservat li, filwaqt li l-Att ta' l-1995 Dwar il-Kumpaniji (Kap.386) jaghti rimedju kontra agir abbuziv jew "hazin" tad-diretturi, dan irid jintalab fil-kuntest ta' proceduri ta' stralc kontra l-kumpanija.*

*Fil-kawza deciza l-ahhar din il-Qorti kienet ghamlet dawn l- osservazzjonijiet: "Fil-fatt l-artikolu 316 jiddisponi illi l-Qorti tista' taghmel dikjarazzjoni ta' responsabilità personali, minghajr ebda limitazzjoni "meta kumpanija tkun giet xolta u tkun insolventi u jkun jidher li persuna li kienet direttur tal-kumpanija kienet taf, jew kellha tkun taf, qabel ix-xoljiment tal-kumpanija, li ma kienx hemm prospett xieraq li l- kumpanija setghet tevita xxoljiment minhabba l-insolvenza taghha". (...) Din il-Qorti però hija pjenament konkordi ma' l-osservazzjonijiet maghmula mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza "Valle Del Miele Limited v. Wallace Fino et pro et noe" iktar 'l*

*fuq citata u hi wkoll hija tal-fehma li direttur ta' socjetà kummercjali jista' jigi dikjarat personalment responsabbli ghad-djun tas-socjetà biss waqt li s-socjetà tkun fi process ta' stralc, u dana a tenur ta' l-Artikolu 315 u 316 tal- Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux fil-kuntest ta' azzjoni ghal kanonizzazzjoni ta' kreditu, li hi appuntu l-azzjoni intentata mis-socjetà attrici fil-konfront kemm tas-socjetà konvenuta kif ukoll tal-konvenut f'ismu personali. (...) (Madanakollu) fil-kuntest ta' azzjoni ghall- kanonizzazzjoni ta' kreditu direttur ta' socjetà kummercjali jista' jinstab personalment responsabbli ghad-djun ta' dik is-socjetà biss meta jirrizulta b'mod car u sodisfacenti li direttament jew indirettament jkun agixxa b'mod jew ippartecipa f'agir frawdolenti jew agir delittwuz iehor fil-konfront ta' terzi.*

*Konsegwentement fin-nuqqas ta' tali prova d-direttur ma jkunx jista' jigi dikjarat personalment responsabbli ghad-djun tas-socjetà minnu rapprezentata fil-kuntest ta' azzjoni ghall-kanonizzazzjoni ta' kreditu. (**Sirap Limited (C-7395) v. IT 2010 Limited (C-17791)** deciza mill-Onor. Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-7 t'Otturu, 2013 – enfazi mizjuda).*

*Hekk ukoll jinsab deciz li :*

*« Illi kif inhu sewwa magħruf, il-liġi tal-kumpanniji ma tipprovdix għall-kaz ta' responsabbilita' illimitata tad-diretturi jekk mhux fil-każ ta' fraudulent jew wrongful trading iddikjarati waqt li l-kumpanija tkun fi proċess ta' stralċ. "Għalkemm l-agir lamentat jista' jwassal għal dikjarazzjoni ta' responsabilita' personali ta' direttur, tali responsabilita' personali tista' tigi dikjarata biss waqt li kumpanija tkun fi process ta' stralc, u dana a tenur tal-artiklu 315 u 316 tal-Att tal-1995 Dwar il-Kumpaniji (Kap. 386);5*

*Illi dan il-punt gie diskuss ukoll fis-sentenza Theuma vs Cachia, fejn ġie osservat illi: "Fil-fatt l-artiklu 316 jiddisponi illi l-Qorti tista' tagħmel dikjarazzjoni ta' responsabilita' personali, mingħajr ebda limitazzjoni, "meta kumpanija tkun giet xolta u tkun insolventi u jkun jidher li persuna li kienet direttur tal-kumpanija kienet taf, jew kellha tkun taf qabel ix- xoljiment tal-kumpanija, li ma kienx hemm prospett xieraq li l-kumpanija setgħet tevita x-xoljiment minħabba l-insolvenza tagħha" (**Morina Aquasport Limited (C8303) v. Anthony Lia et.** deciza mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-10 ta' Jannar, 2019).*

*Illi fir-rigward tal-kwistjoni specifika jekk ir-responsabilita` ghad-djun tal-*

*kumpannija tistax tigi assunta minn direttur bhala konsegwenza tad-dikjarazzjoni ta' solvenza, il-Qrati Taghna wkoll iddeterminaw is-segwenti:*

*"Id-dikjarazzjoni ta' solvenza wahedha mhijiex bizzejjed biex tissoddisfa l-vot tal-Art 315(1). Infatti l-fatt li kienet ipprezentata d-dikjarazzjoni ta` solvenza, flimkien ma' rendikont ta` l-assi u debiti ezistenti, ma jammontax ghal sitwazzjoni fejn ghandu jkun hemm the lifting of the corporate veil.*

*Ma jaghmel ebda sens – la fattwali u lanqas legali – illi bil-fatt wahdu – distakkat minn kull konsiderazzjoni ohra – li jkun hemm dikjarazzjoni ta' solvenza, direttur jew stralcjarji jkunu esposti ghal responsabilita` personali ghal hlas ta` dejn tal-kumpannija lejn terzi.*

*Dikjarazzjoni ta` solvenza li ma tkunx korraborata minn provi ta` qerq mhijiex bizzejjed biex taghti ragun lis-socjeta` attrici. Il-Qorti ma sabitx fl-agir ta` Koncar dak il-komportament meqjus, metodiku u regolari xjentement intiz sabiex jaghmel hsara lis-socjeta` attrici.*

*Huwa minnu li fiz-zmien meta saret id-dikjarazzjoni rrizulta li Koncar kien jaf bil-pretensjoni ta' kreditu ta' s-socjeta' attrici. (...) Dan premess, din il-Qorti tqis illi Koncar seta' ghamel referenza ghall-fatt li kien hemm pretensjoni dwar dan l-allegat kreditu ta' s-socjeta' attrici fid-dikjarazzjoni ta' solvenza ta` KDK. Fl-istess waqt tghid illi din l-omissjoni ma tammontax ghall-prova ta' qerq li hija necessarja biex tirnexxi azzjoni ta` skont l-Art 315(1). » **(Samchrome FZE socjeta` estera rregistrata fl-Emirati Arab Uniti (UAE) et. v. Danko Koncar et. deciza mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju, 2018)***

*Illi huwa minnu li l-ahhar sentenza hawn fuq citata hija prezentement suggett ta' appell imma it-Tribunal jabbraccja il-konsiderazzjonijiet legali hemmhekk kontenuti u bhall-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili jemmen illi il-mera dikjarazzjoni ta' solvenza ma tistax logikament isservi sabiex tirrendi lid-direttur responsabbli ghad-djun li s-socjeta' attrici tibqa' ma thallasx, multo magis, tenut kont tal-fattispeci partikolari tal-kaz in ezami.*

*Illi issa fil-kaz in ezami irrizulta li, filwaqt li s-socjeta' attrici qed tistrieh esklussivament fuq id-dikjarazzjoni ta' solvenza (u l-mankat hlas kif hemmhekk indikat) sabiex targumenta li l-intimat ghandu jigi ritenut personalment responsabbli ghall-istess dejn, mill-provi prodotti irrizulta li, bil-kontra tas-surreferit, id-dikjarazzjoni (datata 31 ta' Dicembru, 2018)*

*kienet saret ftit wara li giet intavolata l-kawza kontra s-socjeta' Geras Care Limited koncernanti l-kreditu pretiz (intavolata fis-7 ta' Dicembru, 2018) pero` qabel mas-socjeta` intimata f'dawk il-proceduri giet notifikata bl-istess proceduri (notifika datata 11 ta' Jannar, 2017). Kif jinsab deciz hawn fuq tali dikjarazzjoni fiha nnifisha m'hijiex sufficjenti sabiex wehidha twassal ghar-responsabilita` personali tad-direttur li jkun ghamilha ghad-djun tal-kumpannija. Kien jehtieg li s-socjeta' attrici tipprova li tali direttur wettaq tali dikjarazzjoni b'mod frawdolenti u dana fil-kuntest ta' proceduri ad hoc – li llum iridu jsiru quddiem il-Qorti kompetenti f'dan ir-rigward - sabiex tirnexxi fl-azzjoni taghha. F'dan ir-rigward it-Tribunal isib li s-socjeta` attrici ma ssodisfatx tali oneru mhux biss ghaliex il-proceduri odjerni huma intizi ghall-kanonizzazzjoni ta' kreditu – din id-darba kontra d-direttur personalment – imma wkoll ghaliex hawn ukoll ma giex pruvat dak il-komportament meqjus, metodiku u regolari xjentement intiz sabiex jaghmel hsara lis-socjeta` attrici mehtieg ghas-success tal-azzjoni odjerna. Kulma gie pruvat kien li minkejja li ghaddiet aktar minn sena mid-data ta' tali sentenza, tali kreditu baqa' ma thallasx anke wara l-interpellazzjonijiet li saru minnha f'tali rigward u li fil-frattemp l-istralcarju appuntat irrizenja mill-kariga tieghu. Ma saritx prova li ta' xi tentattiv da parti tas-socjeta` attrici li tipprova tezegwixxi tali titolu ezekuttiv permezz ta' xi mandat. Is-socjeta` attrici, anke tramite d-dicitura cara utilizzata minnha fl-avviz odjern, qed tistrieh esklussivament fuq il-fatt li l-intimat ghamel tali dikjarazzjoni ta' solvenza u, fil-frattemp, hija baqghet ma thallsitx ghas-success tal- azzjoni taghha. Madanakollu, huwa car li – anke skont il-kazistika hawn fuq riportata - tali dikjarazzjoni u l-mankat hlas m'humiex wehidhom sufficjenti sabiex jippruvaw il- qerq u jrendu lid-direttur personalment responsabbli ghad-dejn tal-kumpannija rapprezentata minnu.*

*Illi perdipiu' t-Tribunal ma jistax ma jaghmilx referenza ghal dak li jinsab espressament provdut taht l-art. 268(4) tal-**Att dwar il-Kumpanniji** fir-rigward tal-effetti kriminali kontra d-direttur ghal dikjarazzjoni ta' solvenza maghmulha minnu minghajr ma jkollu ragunijiet xierqa ghal tali dikjarazzjoni u cioe' :*

*Kull direttur tal-kumpannija li jaghmel dikjrazzjoni taht dan l-artikolu minghajr ma jkollu ragunijiet xierqa ghall-fehma li l-kjumpannija tkun tista' thallas id-dejn kollu taghha fiz-zmien specifikat fid-dikjarazzjoni ikun hati ta' reat u jekk jinstab hati jista' jehel multa ta' mhux aktar minn sitta u erbghin*

*elf u hames mija u sebgha u tmenin Euro u sebgha u erbghin centezmu (46,587.47) jew prigunerija ghall-perijodu ta' mhux aktar minn tliet snin, jew dik il-multa u prigunerija flimkien; u jekk id-djun tal-kumpannija ma jithallsux jew ma jsirx provediment ghalihom iz-zmien imsemmi fid-dikjarazzjoni, ikun prezunt, sakemm ma jintweriex kuntrarju, li d-drettur ma kellux bazi xierqa ghall-fehma tieghu.'*

*Huwa car allura li l-effetti ta' tali dikjarazzjoni ta' solvenza huma cirkospetti ghal dak provdut mil-ligi stess kif hawn fuq citata. Huwa* ***dan*** *ir-rimedju li l-ligi specjali tipprovdi ghalih sabiex tissalvagwardja lill-kredituri u mhux, kif tipprova targumenta s-socjeta` attrici, billi tirrendi lid-direttur awtomatikament responsabbli ghad-djun tal-kumpannija tramite procedura civili semplici bhal dik odjerna ghall-kanonizzazzjoni tal-kreditu f'ismu persunali wkoll. Ovvjament dan il-mertu wkoll jista' jigi debitament investigat u finalment deciz mis-sede opportuna.'*

Konsegwentement it-Tribunal kif gia suespost ghadda sabiex jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat appellat u cahad it-talbiet attrici.

**L-aggravju**

8. Illi l-aggravju tas-socjeta' appellanti meta moqri b'mod shih jidher li jirrivolvi ruhu mal-fehma tal-kumpanija appellanti li l-intimat kellu jinsab personalment responsabbli mit-Tribunal ghas-somma pretiza u dan stante li skont l-istess appellanti:

(i) l-intimat naqas milli jaghmel minn kollox biex jizgura illi l-*istatement of affairs* tal-kumpanija jaghti stampa cara tal-qaghda vera tal-kumpanija u skont l-appellanti l-intimat agixxa b'tali mod li jizvija dwar il-vera qaghda tal-kumpanija;

(ii) L-appellanti ssemmi li fil-kawza l-ohra kontra l-kumpanijq Geras Case Limited, l-intimat kien naqas milli jindika li l-kumpanija kienet ser tigi xolta nonostante li mal-prezentata tar-risposta din kienet diga' fil-process ta' xoljiment.

(iii) L-appellanti taghmel ukoll referenza ghad-dokument a fol. 14 tal-process quddiem it-Tribunal u tinsisti li l-intimat agixxa b'mod frawdolenti stante li s-somma pretiza fil-kawza odjerna kienet tifforma parti minn ammont akbar rikonoxxut minnu bhala dovut fl-iskrittura datata 23 t'April, 2015;

(iv) Is-socjeta' appellanti ssostni li l-intimat ma kellux bazi xierqa sabiex fid-dikjarazzjoni ta' solvenza jinkludi biss id-debiti kanonizzati b'att gudizzjarju u jeskludi dak li ma kienx ghadu kanonizzat u ghal dan il-ghan taghmel referenza ghall-artikolu 268 (4) tal-Att dwar il-Kumpaniji.

(v) B'referenza ghall-istess skrittura datata 23 t'April, 2015 l-appellanti ssostni li bhala l-uniku direttur tal-kumpanija u firmatarju fuq l-istess skrittura, l-intimat ma setax ragjonevolment ma jkunx jaf bid-debitu tal-kumpanija fil-konfront tal-appellanti.

In vista tas-suespost is-socjeta' appellanti tinsisti li l-intimat ghandu jigi kunsidrat li agixxa b'qerq w'ghalhekk it-Tribunal kellu jsibu personalment responsabbli ghad-dejn in kwistjoni.

9. Illi fl-appell taghha s-socjeta' appellanti tghaddi sabiex taghmel referenza ghal bosta gurisprudenza li permezz taghha diretturi ta' kumpaniji nzammu mill-Qrati personalment responsabbli ghad-djun tal-kumpaniji u l-appellanti ssostni li t-Tribunal abbazi tal-principji enuncjati f'dik il-gurisprudenza kif ukoll a bazi tal-artikolu 7 (1) tal-Kap. 380 (Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghat) kellu jaqta' t-talba quddiemu skont il-principju tal-ekwita' w'ghalhekk jeddiciedi favur it-talba attrici. Issostni li mhux ekwu li la darba rrizulta li d-direttur kien jaf bid-dejn in kwistjoni, li t-Tribunal iddecieda kontra t-talba taghha.

10. Illi jirrizulta li d-decizjoni tat-Tribunal hija bbazata fuq zewg binarji ta' hsieb. L-ewwel argument tat-Tribunal huwa bbazat ai termini tal-artikoli 268 (4), 315 u 316 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jasal ghall-konkluzjoni illi t-Tribunal ma kienx is-sede fejn kellha titqajjem il-kwistjoni tal-qerq o meno da parti tad-Direttur stante li skont it-Tribunal dawn it-talbiet jistghu jsiru biss f'ambitu ta' proceduri ta' xoljiment u mhux f'ambitu ta' kawza ghall-kanonizzazzjoni ta' kreditu bhal dik odjerna. Fil-fatt it-Tribunal fl-ahhar parti tad-decizjoni tieghu jaghmel referenza ghal dan ir-rimedju bhala **rimedju taht il-ligi specjali** u jispecifika li d-decizjoni tieghu

mhix qed tidhol fil-mertu ta' din il-vertenza bejn il-partijiet b'riserva cara ghalhekk li t-Tribunal kellu f'mohhu li din tista' titressaq u tasal sabiex tigi debitament investigata fis-sede opportuna skont il-ligi specjali.

11. Illi t-Tribunal b'referenza diretta ghall-artikolu 268 (4) tal-Att dwar il-Kumpaniji (li taghmel referenza wkoll ghalih is-socjeta' attrici appellanti fl-appell taghha) jsostni li dan jipprovdi ghal sanzjonijiet kriminali fuq diretturi li jitqiesu li agixxew b'qerq izda ghal darb'ohra jsostni li s-sede tieghu ma kinitx dik munita bil-kompetenza sabiex tiehu dik id-decizjoni.

12. Illi fit-tieni binarju ta' hsieb tad-decizjoni, jirrizulta lill-Qorti li nonostante d-dikjarazzjoni tat-Tribunal li jaqbel mal-punt li direttur ta' socjeta' kummerjcali jista' jigi dikjarat personalment responsabbli ghad-djun tas-socjeta' biss waqt li s-socjeta' tkun fi process ta' stralc u dana a tenur ta' l-artikolu 315 u 316 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal xorta wahda ghadda sabiex janalizza l-mertu tat-talba tas-socjeta' attrici dwar jekk id-direttur kellux jitqies li agixxa b'mod frawdolenti jew le tant li dahal f'analizi tal-provi dwar jekk fl-azzjoni odjerna ta' kanonizzazzjoni ta' kreditu l-intimat kellux jinsab personalment responabbli ghad-djun tas-socjeta' b'applikazzjoni tal-principji enuncjati fil-gurisprudenza kwotata u cioe' jekk:

'b'mod car u sodisfacenti li direttament jew indirettament jkun agixxa b'mod jew ippartecipa f'agir frawdolenti jew agir delittwuz, iehor fil-konfront ta' terzi.'

Fil-fatt it-Tribunal ddikjara li, skont l-istess Tribunal, il-mera dikjarazzjoni ta' solvenza ma tistax logikament isservi sabiex tirrendi lid-direttur responabbli ghad-djun li s-socjeta' attrici tibqa' ma thallasx u wasal ghall-konkluzjoni li dan kien japplika wkoll ghall-kaz odjern.

13. Illi din il-Qorti rat izda li fid-decizjoni tieghu t-Tribunal fl-ebda hin ma dahal fil-mertu tal-iskrittura datata 23 ta' April, 2015 (fol. 14 tal-process quddiem it-Tribunal) minn fejn jirrizulta bla ebda dubju li l-intimat qua direttur tal-kumpanija lura f'dik id-data kien irrikonoxxa debitu ta' sebat elef Euro (€7,000) (li skont l-appellata tramite l-affidavit ta' Reuben Buttigieg, fol.12 tal-process quddiem it-Triunal, parti minn din is-somma tikkonsisti fil-mertu tal-kawza odjerna). Dan ir-rikonoxximent permezz tal-iskrittura privata sar ferm qabel id-dikjarazzjoni ta' xoljiment li ggib id-data tal-31 ta' Dicembru, 2016. L-intimat appellat fir-risposta tieghu jammetti li s-somma pretiza mis-socjeta' attrici appellanti ma gietx inkluza fid-dikjarazzjoni ta' solvenza bl-agrument tieghu jkun li d-decizjoni tat-Tribunal (579/2016) dwar l-istess inghatat wara w'ghalhekk id-debitu gie kanonizzat wara. Fir-risposta tieghu ghall-appell odjern l-intimat jibqa' jsostni li huwa kien ikollu l-obbligu li jinkludi s-somma fid-

dikjarazzjoni 'meta huwa kellu kreditu kanonizzat' u mhux 'gjaldarba t-talba tieghu kienet ikkontestata.'

Jirrizulta mill-atti li ghalkemm il-kawza quddiem it-Tribunal kienet giet prezentata qabel id-dikjarazzjoni ta' xoljiment, is-socjeta' rapprezentata mill-intimat ma kintix ghadha giet notifikata biha nhar il-31 ta' Dicembru, 2016. Fil-fatt jidher li giet notifikata nhar il-11 ta' Jannar, 2017. Ghalhekk din il-Qorti tista' biss tidhol f'analizi tal-fatt pruvat li l-intimat appellat kien jaf bid-dejn rikonoxxut fl-iskrittura privata datata 23 ta' April, 2015 izda mhux bil-kawza. Ghalhekk meta gie biex jipprezenta d-dikjarazzjoni ta' solvenza nhar il-31 ta' Dicembru, 2016 jirrizulta pruvat li nonostante r-rikonoxximent tad-dejn, b'firma tieghu stess, huwa ghazel li dan jeskludih mid-dikjarazzjoni. Il-Kumpanija giet notifikata bil-kawza wara din id-data.

Illi l-kwistjoni li ssegwi hija jekk dan l-agir kif su deskritt da parti tal-intimat jikkwalifikax ghall-qerq rikjest mil-ligi sabiex jirrendi lid-direttur responsabbli ghad-dejn tas-socjeta' attrici. Illi l-artikolu 315 tal-Kap. 386 jirrikjedi li sabiex direttur jigi dikjarat personalment responsabbli jrid jigi pruvat li huwa mexxa n-negozju tal-kumpanija bil-hsieb ta' frodi ta' kredituri tal-kumpanija jew bil-ghan ta' frodi. Din il-Qorti tqis li mill-atti, il-prova unika tal-iskrittura li tippredata d-dikjarazzjoni ta' solvenza (fin-nuqqas ta' provi ulterjuri sabiex isahhu din it-tezi) mihijiex bizzejjed sabiex tipprova lil din il-Qorti, sal-grad

rikjest mil-ligi, li l-intimat kien qed jagixxi bi hsieb ta' frodi tal-kreditur meta naqas li jinkludi l-ammont dovut lilha fid-dikjarazzjoni ta' solvenza. Fil-fatt jirrizulta minn risposta ghall-ittra ufficcjali nterpellatorja mibghuta lill-intimat personalment (esebita a fol. 27 tal-process) illi l-hsieb tal-intimat kien dejjem illi la darba l-pretensjoni attrici ma kinitx kanonizzata b'decizjoni allura din ma kellix tidhol fid-dikjarazzjoni ta' solvenza, irrilevantement kienx jaf jew le li giet intavolata l-kawza. Minn dan biss ma tirrizultax pruvata l-intenzjoni tal-frodi da parti tal-intimat. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti ma tqisx li t-talba attrici tista' tigi milqugha fuq din il-bazi.

Ghaldaqstant stante li jirrizulta lil din il-Qorti li l-aggravju tas-socjeta' appellanti ma jistax jitqies bhala legalment u fattwalment gjustifikat, filwaqt li d-decizjoni appellata fis-sustanza u l-konkluzjoni taghha tirrizulta korretta, hija ser tghaddi sabiex tichad l-appell.

13. Din id-decizjoni hija minghajr pregudizzju ghall-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici fil-konfront tal-kumpanija Geras Care Limited kif ukoll minghajr pregudizzju ghall-proceduri legali ohra li jistghu jkunu legalment disponibbli ghas-socjeta' attrici fil-konfront tal-intimat personalment.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi l-appell odjern billi filwaqt li tichad l-aggravju u per konsegwenza l-appell odjern, tghaddi sabiex tikkonferma d-decizjoni appellata fl-ismijiet premessi datata 8 t'April, 2019.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
Deputat Registratur

Vera kopja

D/Registratur